Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10885 – TRIVIUM / TCHIBO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 363/12)

1. Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Trivium Vermögensverwaltungs GmbH ("Trivium", il-Ġermanja) u l-azzjonist li finalment għandu l-kontroll esklużiv tagħha, persuna fiżika,

— TCHIBO Anlagen-Verwaltungsgesellschaft mbH u TCHIBO GmbH, flimkien TCHIBO Group ("TCHIBO", il-Ġermanja), li finalment huma kkontrollati minn Trivium u l-azzjonist li finalment għandu l-kontroll esklużiv tagħha, persuna fiżika, kif ukoll Scintia Vermögensverwaltungs GmbH u l-azzjonist li finalment għandu l-kontroll esklużiv tagħha, persuna fiżika.

Trivium u l-azzjonist li finalment għandu l-kontroll tagħha jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b), il-kontroll ta' TCHIBO kollha kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— Trivium hija strument ta' investiment inkorporat skont il-liġijiet tal-Ġermanja,

— TCHIBO jipprovdi kafè, soluzzjonijiet għall-kafè u prodotti oħra għall-konsumatur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10885 – TRIVIUM / TCHIBO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.